MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 33/2006/1

**Tarek Mohamed Ibrahim**

**Vs**

**Vici Prim'Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates**

Permezz ta’ rikors prezentat fis-17 ta’ Mejju 2006, ir-rikorrent talab lill-qorti sabiex tiddikjara:

*(1) ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap.319, l-Ewwel Skeda) dwar smigh xieraq u ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ghar-ragunijiet fuq imfissra;*

*(2) ta’ l-imsemmi Artikolu 45 dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur jew fidi “li minhabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu maghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn”, u*

*(3) ta’ l-imsemmi Artikolu 8 tal-Kap.319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem,*

*billi, fost affarijiet ohra:-*

*a) tiddikjara li t-tnehhija tac-cittadinanza Maltija lir-rikorrent kienet tikkostitwixxi trattament diskriminatorju u saret bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;*

*b) tiddikjara wkoll li t-tnehhija tac-cittadinanza Maltija lir-rikorrent tikkostitwixxi wkoll vjolazzjoni tad-dritt ghall-hajja tal-familja garantit bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap.319); u*

*c) tordna li r-rikorrent ghandu jinghata lura c-cittadinanza Maltija.*

B’sentenza li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta’ Mejju 2012 (fol. 340), il-qorti cahdet l-appell fir-rigward tas-sentenza ta’ din il-qorti tal-11 ta’ Jannar 2008, tal-5 ta’ April 2011 u fir-rigward tas-sentenza tat-28 ta’ Frar 2007 fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u rrevokat dik il-parti tas-sentenza fir-rigward tal-Artikolu 8. Ghaldaqstant ordnat li:

*“[….] l-atti jintbaghatu lura quddiem l-ewwel Qorti biex tiddeciedi jekk kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kif spjegat supra”.*

Din is-sentenza titratta l-ilment relatat mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. F'dik il-parti tas-sentenza li ttrattat dan il-provvediment, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:-

***20.*** *Ghalhekk l-Artikolu 8 ma jistax jigi eskluz a priori minhabba r-raguni biss li d-dritt ghac-cittadinanza mhux wiehed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni* ***imma kellu jigi mistharreg mill-Qorti jekk kienx hemm, fil-kaz in ezami, arbitrarjeta` fit-tnehhija tac-cittadinanza****. F'dan ir-rigward l-appellant jilmenta li huwa ma nghatax l-opportunita` li jressaq dawn il-provi fuq il-mertu taht l-Artikolu 8 (****fosthom it-theddida ta' Anna Grech li ggieghel lill-awtoritajiet ikeccuh minn Malta****) billi l-ewwel Qorti ddecidiet mill-ewwel li l-Artikolu 8 ma kienx japplika.*

***21.*** *Fuq dan l-aggravju l-appellant ghandu ragun. Ghalhekk din il-lanjanza tal-appellant ghandha terga' tigi mistharrga mill-ewwel Qorti biex l-appellant ikollu l-opportunita` jressaq il-provi tieghu fir-rigward* ***biex il-Qorti tkun tista' tiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz kienx hemm arbitrarjeta` fl-ordni ta' tnehhija tac-cittadinanza tieghu u konsegwentement jekk possibilment kienx hemm ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni****.*

Mill-provi rrizulta li:-

i. Ir-rikorrent izzewweg f'Malta lil Anna Grech, fis-16 ta' Mejju 1998;
ii. Fl-10 ta' Mejju 1999 inghata c-cittadinanza Maltija. M'hemmx prova meta applika ghac-cittadinanza, ghalkemm il-qorti tifhem li dan sehh ftit zmien wara z-zwieg.
iii. B'sentenza tat-30 ta' Marzu 2004 tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kawza **Anna Grech vs Tarek Mohammed Ibrahim** (Rikors 285/2001), gie annullat iz-zwieg celebrat fis-16 ta' Mejju 1998. Fis-sentenza jinghad li l-kunsens ta' Ibrahim kien vizjat skond l-Artikolu 19(1)(f) tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255). Il-qorti qalet:

    *"Illi minn dan kollu jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe, dejjem fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li* ***l-konvenut izzewweg lill-attrici biss sabiex huwa jkun jista' joqghod hawn Malta b'mod li jkun jista' jottjeni iktar facilment il-permess li jahdem f'dan il-pajjiz****, u din hija sitwazzjoni li tkompli tirrepeti ruhha f'diversi kazi, nkluz dak odjern.* ***Illi fil-fatt l-istess konvenut approfitta ruhu mis-sitwazzjoni li sabet fiha l-attrici fejn kienet wahedha trabbi t-tarbija taghha ghaliex kienet kisret ir-relazzjoni li kellha ma' ragel iehor, u l-konvenut ipperswadiha li ser jiehu hsiebhom huwa, haga li in verita qatt ma kellu intenzjoni li jaghmel, tant li baqa' jghix ta' guvni****, f'relazzjoni kontinwa ma' hbieb tieghu, jekk mhux ma' nisa ohra wkoll, b'introjtu mizeru ghall-hajja tal-lum, u bla ebda preparamenti u mpenn ta' xejn; anzi jirrizulta mix-xhieda tal-attrici li lanqas biss ried li binha jghix maghhom.* ***Iz-zwieg jidher li kien fazul ghal kollox****, tant li ghalkemm civili, l-attrici marret ghax-xoghol; f'xi hin mar ghaliha l-konvenut, izzewwgu civilment u regghet marret ghax-xoghol bla ma qalet xejn lill-familja*

*taghha, li saret taf biss hafna xhur wara b'dan l-avveniment….. **qatt ma kellu intenzjoni, kunsens li jizzewweg vera u proprja lill-attrici, izda biss li jinqeda biha ghall-iskopijiet tieghu, kif fil-fatt ghamel**; dan ukoll indikat bit-trattament dispregattiv tal-istess konvenut verso l-attrici li kienu jinkludu wkoll vjolenza domestika, li hija sfortunatament komuni f'dawn il-kazijiet"* (enfazi mizjuda).

iv. B'ordni tal-Ministru tal-Gustizzja tat-12 ta' April 2006 (fol. 79), ic-cittadinanza Maltija tnehhiet lir-rikorrent;

Skond l-Artikolu 14 tal-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kap. 188):-

***14.*** *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Ministru jista' b'ordni jippriva miċ-ċittadinanza tiegħu Maltija kull ċittadin ta' Malta li jkun hekk **b'reġistrazzjoni** jew **naturalizzazzjoni** jekk ikun sodisfatt li r-reġistrazzjoni jew ċertifikat ta' naturalizzazzjoni kien **miksub permezz ta' qerq**, **rappreżentanza falza jew il-ħabi ta' xi fatt sostanzjali**.*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta r-rikorrent fit-8 ta' April 2015, argumenta li t-tnehhija tac-cittadinanza gabitu f'sitwazzjoni ta' *statelessness*[1]. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

i. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ma' lmentax li d-decizjoni tal-Ministru tal-Gustizzja tat lok biex spicca minghajr cittadinanza;
ii. Ir-rikorrent ma ressaqx prova cara li kien tilef ic-cittadinanza Egizzjana. Kull m'hemm hi l-kelma tieghu. F'materja bhal din kellha titressaq l-aqwa prova li r-rikorrent m'ghadux cittadin Egizzjan. F'kull kaz jekk il-qorti kellha toqghod biss fuq il-kelma tar-rikorrent:-

    (a) meta r-rikorrent applika ghac-cittadinanza Maltija l-ligi kienet cara li f'kaz ta' qerq tista' titnehha.
    (b) m'hemmx prova li mhux ser ikun possibbli ghalih li jerga' jottjeni c-cittadinanza ta' origini tieghu.
    (c) m'hemmx prova li matul dawn is-snin kollha minn meta tnehhietlu c-cittadinanza, ghamel xi tentattiv biex jerga' jakkwista c-cittadinanza ta' origini[2];

---

[1] Waqt li l-kaz kien pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikorrent ipprezenta rikors (fol. 308) fejn talab li l-qorti tordna riferenza lill-Qorti tal-Gustizzja ta' Unjoni Ewropea, u dan wara li ghamel riferenza ghas-sentenza ta' dik il-qorti fil-kaz **Janko Rottmann vs Freistaat Bayern** tat-2 ta' Marzu 2010. B'digriet moghti fit-30 ta' April 2012, il-qorti cahdet it-talba wara li ddikjarat li *"... l-kawza prezenti hija purament wahda kostituzzjonali u l-kwistjonijiet ta' cittadinanza huma ta' kompetenza ta' l-Istat Malti"* (fol. 311).

[2] Dan apparti li fil-kaz **Rottmann vs Freistaat Bayern**, il-Qorti ta' Gustizzja Ewropea qalet: *"…. a Member State whose nationality has been acquired by deception cannot be considered bound, pursuant to Article 17EC, to refrain from withdrawing naturalisation merely because the person concerned has not recovered the nationality of his Member State".*

(d) Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hi cara, fis-sens li din il-qorti ghandha tiddetermina **jekk kienx hemm arbitrarjeta fl-ordni ta' tnehhija ta' cittadinanza** (paragrafu 21 tas-sentenza).

Wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-uniku xhud li ressaq ir-rikorrent kien l-avukat Dr Tonio Borg, li kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Gustizzja fiz-zmien li tnehhiet ic-cittadinanza lir-rikorrent. M'hemmx ombra ta' prova li d-decizjoni tal-Ministru kienet arbitrarja. Hu altru milli evidenti li d-decizjoni kienet bazata fuq sentenza ta' qorti li kienet ghaddiet f'gudikat u li kkonkludiet li z-zwieg bejn ir-rikorrent u Anna Grech kien **fazul** u li r-rikorrent izzewweg biss sabiex jinqeda b'Anna Grech sabiex jiehu l-beneficcji li l-istat ta' zwieg igieb mieghu, fosthom li jkompli jghix Malta u jahdem. Is-sentenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja hi gudikat. F'xenarju fejn ir-rikorrent qarraq ukoll bl-Istat Malti biex ottjena c-cittadinanza Maltija[3], il-qorti ma tara xejn arbitrarju fid-decizjoni li ttiehdet mill-Ministru tal-Gustizzja meta ddecieda li jnehhilu c-cittadinanza Maltija li kien akkwista bis-sahha taz-zwieg ma' Anna Grech. Ghalkemm ir-rikorrent argumenta li Anna Grech kienet kisbet is-sentenza tal-annullament b'qerq, dan ma jirrizultax. Dan apparti li kieku ried ir-rikorrent kellu kull opportunita' li jappella mis-sentenza u sahansitra jipproponi proceduri ta' ritrattazzjoni (ara nota ta' sottomissjonijiet). Certament li dan m'huwiex il-process fejn ghandha ssir indagni simili. Madankollu ir-rikorrent ghazel li ma jiehux passi. Inoltre, ghalkemm ipprova jaghti x'jifhem li fl-agir taghha Anna Grech giet assistita minn ufficjali tal-Gvern, din baqghet biss kongettura. Il-kawza **Fattiha Khallouf vs Ministru tal-Affarijiet Barranin et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2014, ukoll kienet titratta zwieg ta' konvenjenza. Il-qorti osservat:

*"35. Dwar in-natura tal-ghemil qarrieqi tar-rikorrenti meta din biex takkwista c-cittadinanza Maltija dahlet fi zwieg simulat, din il-Qorti tosserva li m'hemmx dubju li l-agir tar-rikorrenti ghandu grad gholi ta' gravita` tenut kont tal-fatt li kif konsistentement sostnut mill-qrati taghna il-kuntratt ta' zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta` u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku u l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hi sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss.[App.C Carmel Farrugia v. Pauline Farrugia, deciz 28.07.1987, citata b'approvazzjoni PA Christine Ellul v. Brian Ellul, deciz 21.10.2002 u PA Christine Ellul v. Brian Ellul, deciz 21.10.2002].*

*36. Provata l-ezistenza tal-frodi jew qerq da parti tal-attrici, japplika l- principju fraus omnia corrumpit, u ghalhekk **dak kollu li r-rikorrenti kkonsegwiet bl-agir frawdolenti taghha huwa null u ma jiswiex fil-ligi**.*

---

[3] Skond Artikolu 7 tal-*European Convention on Nationality*, wahda mic-cirkostanzi fejn Stat jista' jnehhi *nationality* ta' persuna hu fejn l-akkwist kien b'rizultat ta' *'fraudulent conduct'*. *Nationality* hi definita bhala *"legal bond between a person and a State and does not indicate the person's ethnic origin"*. Jirrizulta li s'issa Malta ghadha biss firmatarja ta' din il-Konvenzjoni.

*37. Ghalhekk ghandu jirrizulta car kristallin li jezisti l-element tal-qerq li huwa wiehed mic-cirkostanzi li fuqhom l-intimat seta' legalment johrog ordni ta' privazzjoni mic-cittadinanza ai termini tal-Art. 14 [1] tal-Kap. 188, u f'dan is- sens m'ghandux ikun hemm dubju li l-interferenza tal-Istat, konsistenti fil-hrug tal-ordni tal-privazzjoni mic-cittadinanza fil-konfront tar-rikorrenti, ma kienitx wahda arbitrarja, kif sostnut minnha, izda kienet wahda legittima fit-termini tal-artikolu precitat".*

Ghalkemm fil-kaz tal-lum xehedet ukoll Anna Grech (fol. 194) u qalet li ghamlet rapport ghaliex kienet irrabjata u kienet mahkuma mill-ghira, b'daqshekk ma jfissirx li gidbet meta xehedet fil-kawza ta' annullament. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva wkoll li Anna Grech:

i. Qalet li wara z-zwieg ghamlet erba' snin tghix mar-rikorrent. Pero' z-zwieg kien celebrat fis-16 ta' Mejju 1998 u l-kawza tal-annullament giet proposta fl-20 ta' Frar 2001, igifieri kienu ghadhom lanqas biss ghaddew tlett snin zwieg;

ii. Tat x'tifhem li kien wara li saret taf li r-rikorrent kien ser ikollu tarbija li ghamlet rapport mal-awtoritajiet ghaliex inhakmet minn ghira u rabja[4]. Jirrizulta li fil-5 ta' Jannar 2005 twieldet it-tifla Jasmine, bint ir-rikorrent u s-siehba tieghu (fol. 70). Pero' mis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2004 (fol. 83) jirrizulta li Anna Grech kienet xehedet b'affidavit prezentat fit-8 ta' April 2003 u mbaghad sarilha kontro-ezami fil-15 ta' Lulju 2003. Zmien li ma kellu x'jaqsam xejn mat-tqala tat-tifla Jasmine. Ghalhekk meta xehedet fil-proceduri ta' annullament, ma jregix l-argument li Anna Grech kellha motiv biex tigdeb dwar ir-rikorrent;

F'kull kaz fir-rikors promotur ir-rikorrent argumenta li t-tnehhija tac-cittadinanza ser tippregudika l-posizzjoni tieghu bhala missier il-minuri Jasmine Ibrahim u mhux ser ikun jista' jgawdi l-hajja u r-rabta tal-familja tieghu. F'dan ir-rigward:-

i. Il-Qorti Kostituzzjonali ghamlitha cara li d-dritt tac-cittadinanza m'huwiex wiehed mid-drittijiet sostantivi tal-Konvenzjoni.

ii. 'Il fatt li r-rikorrent tnehhietlu c-cittadinanza ma jfissirx li tilef id-dritt li jghix f'Malta (ara Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 fejn per ezempju l-ligi tikkontempla applikazzjoni ghall-hrug ta' *residence permit*). F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **R. Louay vs Vici Prim'Ministru et** tal-25 ta' Mejju 2012 (§46-§48). Inoltre, lanqas m'hemm xi prova li nharget xi ordni ta' tnehhija kontra r-rikorrent.

[4] *"Naf li r-rikorrent kien ha jkollu baby waqt li matul iz-zwieg tieghi hu qatt ma ried ikollu tfal. Minhabba li kont inhobbu tant ghejra li kelli rvellajt nghid li l-boyfriend kien qalli li effettivament li dak izzewwigni biex jibqa' hawn, jien irrabjajt u ntlift"* (fol. 194).

> Ordni ta’ tnehhija tqajjem kwistjonijiet relatati mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni[5], madankollu ghall-kaz tal-lum m’hijiex rilevanti.

Ir-rikorrent semma wkoll li hu nserixxa ruhu sew f’Malta, u sahansitra kellu wkoll zewgt itfal. Li rrizulta zgur hu li r-rikorrent kompla b’hajtu. Pero’ l-qerq li wettaq fil-konfront tal-Istat Malti m’ghandux jigi ppremjat bil-fatt li ghaddew dawn is-snin kollha. Il-kaz jitratta dwar cittadinanza u mhux tkeccija ta’ persuna minn Malta. Is-sentenzi tal-Qorti ta’ Strasburg li r-rikorrent ghamel riferenza ghalihom[6] kollha jitrattaw kawzi ta’ tkeccija minn pajjiz. Inoltre, ma tressqu l-ebda provi ta’ konsegwenzi li setghu sofrew ulied ir-rikorrent minhabba li missierhom m’ghadux cittadin Maltin, u l-qorti m’hijiex ser taghmel supposizzjonijiet. Il-kawzi jigu decizi fuq il-provi li jressqu l-partijiet. Dawn il-proceduri ilhom pendenti iktar minn tmien snin u altru milli r-rikorrent kellu kull opportunita’ li jressaq il-provi kollha li ried.

**Ghaldaqstant, tichad l-ilment bazat fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea bl-ispejjez kontra r-rikorrent**.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Ara ezempju sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Al-Nashif v Bulgaria** (50963/99) tal-20 ta’ Settembru 2002.
[6] Ara nota ta’ sottomissjonijiet.